ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 2 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 1 ta' April 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Mary Anne Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Assenjament ta' Karigi lill-Kunsilieri;
5. Ħatra ta' Sotto Kumitati tal-Kunsilli;
6. Jum Ħal Għaxaq;
7. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

ĦAL GĦAXAQ

**1. Minuti**

Is-Segretarju qara l-Minuti ta' l-Ewwel Seduta tal-Kunsill.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekondat il-Kunsillier Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**;

Is-Sur Abela nforma lill-Kunsill li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku kienu ħadu l-ġurament tal-ħatra (item 2 u 3 tal-Minuti preċedenti) bħala Sindku u Viċi Sindku. Per konsegwenza se jkunu nfurmati l-Banek bil-bidla tal-firmatarji.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Ġejna nfurmati mid-Dipartiment li ser issir Konferenza dwar il-*Maltese Libraries* nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2013, fil-Hotel Cavalieri.

   Infurmawna li l-allokazzjoni li ser nirċievu fil-jiem li ġejjin għal issa ser tkopri ix-xahar ta' April biss, kif konna ġejna infurmati permezz ta' l-ittra tal-4 ta' Jannar 2013.

   Ġejna nfurmati mid-Dipartiment li fil-ġranet li ġejjin ser qed ikun jiġu kkreati l-imejls tal-Kunsilliera l-ġodda li ġew eletti fid-9 ta' Marzu u jiġu mwaqqfa l-imejls tal-Kunsilliera li ma ġewx eletti. L-imejl tal-Kunsilliera li ma ġewx eletti ser jiġu mwaqqfa b'effett mill-15 t'April, 2013.

2. Il-MEPA nfurmatna li l-ammont fil-U.I.F. għal lokalita’ huwa ta’ €31,329.78.

3. Irċevejna mingħand id-Direttur għas-saħħa u tal-pjanti biex inbexxu is-siġar tal-palm. Tlabna kwotazzjonijiet.

ĦAL GĦAXAQ

4. l-MCAST bagħatu nformazzjoni dwar *Unpaid Summer Work Placements* u l-Kunsill ser japplika bħal ma għamel is-sena l-oħra.

5. L-AKL infurmatna dwar il-*EUPA Youth Training Courses* li ser isiru f’dati differenti. Is-Segretarju wriet ix-xewqa li tattendi

6. Mill-*Malta Consumers & Consumers Affairs Authority* fejn infurmawna li ser isiru seminars f’diversi dati dwar ‘Għal Aktar Protezzjoni Tal-Konsumatur’

7. Mill-skola Primarja ta’ Ħal Għaxaq fejn infurmawna li studenti minn din l-iskola se jipparteċipaw *fl’NSTF Science Expo 2013* u talbu sabiex is-Sindku jew rappreżentant jattendi għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni. Talbu ukoll biex il-Kunsill jixtri ktieb relatat max-xjenza biex jiġi preżentat. Il-Kunsill qabel li jinxtara ktieb.

8. Il-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk se jkun qed jiċċelebra Jum Marsaxlokk fit-28 ta’ April 2013, dak in-nhar se jingħata Ġieħ Marsaxlokk.

   Għal dan il-għan il-Kunsill jixtieq iwaqqaf bord ta’ evalwazzjoni tan-nominajiet, għalhekk ġentilmet qed nitlobu sabiex membru minn tal-Kunsill tagħkom jinqagħad f’dan il-bord. Napprezzaw li nirċievu risposta fil-pożittiv sa nhar it-Tlieta, 2 ta’ April, 2013.

9. L-Uffiċċju tar-Reġistru Elettorali nfurmana li r-reviżjoni tar-Reġistru Elettorali ser isir f’April 2013.

## 4. Assenjament ta’ Karigi lill-Kunsillieri

Is-Sur Abela nforma lill-Kunsill li fil-fehema tiegħu l-membri tal-Kunsill għandhom ikollhom dawn l-inkarigi matul il-ħajja tas-Sebgħa Kunsill:

| | |
|---|---|
| Sur D. Abela | Responsabbli mill-kuntratti kollha, Qasam Żgħażagħ u Sports, l-Għaqdiet Lokali, Indafa, Manutenzjoni Toroq u Ġonna, Trasport Pubbliku. |

| | |
|---|---|
| Sur E. Vassallo | Is-Sindku offra l-infrastruttura lil Viċi Sindku, iżda din il-kariga ma ġietx aċċettata minħabba raġunijiet ta' xoghol għaldaqstant se jkun responsabbli li jgħin lis-Sindku meta jkun jista. |

ĦAL GĦAXAQ

| | |
|---|---|
| Sinjura R. Agius | Responsabbli mill-Anzjani, Persuni bi Ħtiġijiet Speċjali u l-Familja, Servizzi Soċjali, |
| Sur Keith Fenech | Responsabbli mill-Finanzi tal-Kunsill, Fondi mill-Unjoni Ewropea, PRO u I.T. |
| Sinjura Mary Anne Schembri | Responsabbli Edukazzjoni, Librerija Pubblika, Korsijiet, Skola Primarja, Kultura. |

Is-Segretarju nformat li l-*Website* tal-Kunsill mhiex *updated* għaldaqstant irid ikun hemm xi ħadd li jkun responsabbli minn din.

## 5. Ħatra ta' Sotto Kumitati

Is-Sindku qal li kull kunsillier għandu jara x'Kumitati jew sotto-Kumitati jeħtieġu biex imexxu l-oqsma delegati lilhom. Huwa qal li sa laqgħa oħra l-membri tal-Kunsill għandhom iħejju l-ismijiet tal-persuni li se jkunu membri tal-Kumitati li huma bi ħsiebhom jinnominaw ghal dawn is-Sotto Kumitati. Il-Kunsill qabel li tintbagħat *leaflet* żgħir fejn se jgħarraf lir-residenti dwar dawn is-sotto kumitati u jistenna risposta mingħand ir-residenti dwar dan.

Is-Sur Abela qal li hu se jaħtar sotto-kumitat ukoll.

## 6. Jum Ħal Għaxaq

Is-Segretarju xtaqet tfakkar il-Kunsill li wasal iż-żmien meta l-Kunsill jiċċelebra Jum Ħal Għaxaq.

Sar qbil li Jum Ħal Għaxaq isir nhar il-Ħadd, 28 ta' April, 2013, u jibda proprju bil-Quddiesa fil-10.00 ta' filgħodu u riċeviment fis-Sala Parrokkjali fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-lista tal-mistednin tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sinjura Agius qalet li nistgħu nistiednu dawk il-koppji li jkunu għalqu 25 sena miżżewġin għal quddiesa u jingħataw tifkira. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li se jikkuntattja persuna biex issir wirja tal-karozzi antiki f'dik il-ġurnata. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

Il-Viċi Sindku fakkar li għal dawn l-attivitajiet irid jinġieb il-permess mingħand il-pulizija.

Is-Sindku qal ukoll li ser isir *tournament* tal-*football* bħal ma sar is-sena l-oħra iżda dawk li jieħdu sehem minflok li jingħataw *trophies*, il-klabb tal-*football* tan-*Nursery* talab li l-Kunsill jgħin biex jinħareġ fuljett.

Il-Viċi Sindku w l-Kunsillier Agius flimkien mas-Segretarju spjegaw li l-Kunsill ma jistgħax jagħti donazzjonijiet skond il-liġi.

Il-Kunsillier Fenech semma l-fatt li l-Kunsill kien preċendenti kien ħallas *Coach* biex jikkowċja t-tfal tan-*Nursery*.
Is-Segretarju flimkien mal-Viċi Sindku spjegaw li l-flus li ingħata l-Klabb tan-*Nursery* ma ingħatawx mill-Kunsill iżda il-Kunsill applika mal-KMS u dawn ta' l-aħħar kienu li jħallsu għal *Coach* tal-*Football* tan-*Nursery*.

Il-Kunsillier Schembri qalet li jkun sabiħ jekk fil-ġurnata ta' Jum Ħal Għaxaq jinġieb il-*Bouncing Castle* u t-*train* żgħira li ddur mar-raħal. Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Schembri iġġib kwotazzjoni w l-Kunsill jerġa' jiddiskuti din l-proposta.

Meta l-Kunsill gie biex jinnomina l-persuna li kellha tingħata Ġieħ Ħal Għaxaq għal din s-sena, is-Sindku ppropona lil Dr. Franco Debono għax għamel 5 snin fil-Parlament. Il-Kunsill ma qabilx. Is-Sindku ppropona ukoll lis-Sur Joseph Abdilla li kien Viċi Sindku fil-Kunsill preċedenti iżda wara diskussjoni minħabba li s-Sur Abdilla jingħata Ġieħ Ħal Għaxaq diġa', s-Sindku ppropona lil Viċi Sindku s-Sur Emanuel Vassallo bħala apprezzament għal ħidma li wettaq fl-aħħar 8 snin b'risq ir-Raħal bħala Sindku. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel.

## 7. <u>Suġġerimenti mill-Kunsillieri</u>

a. Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li tintbagħat ittra jew fuljett żgħir bħala ringrazzjament lir-residenti. Saret diskussjoni biex fi żmien qasir toħroġ edizzjoni oħra tal-Fuljett tal-Kunsill biex jingħata tagħrif utli dwar il-funzjonijiet tal-Kunsill il-ġdid u l-kariga li kull kunsillier ġiet delegata lilu.

b. Is-Sinjura Schembri qalet li kellha laqgħa dwar il-*Lifelong Learning Courses* għar-residenti u xtaqet tellabora aktar fil-laqgħa li jmiss.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fit-8.10pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 15 ta' April, 2013, fis-6.30pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati: It-Tnejn, 15 ta' April 2013 fis-6.30pm</u>**